MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Numru 1747/1993/1

**Raymond Busuttil ghan-nom u in rapprezentanza ta' Casino Supplies GmbH**

**vs**

**Joseph Camilleri f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Camilmac Holdings Ltd.**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. F'din il-kawza s-socjeta` estera "Casino Supplies GmbH" qeghda titlob li l-Qorti tikkundanna l-konvenut, kemm *proprio* kif ukoll *nomine*, ihallas is-somma msemmija fic-citazzjoni rapprezentanti l-prezz ta' zewg magni tal-loghob (*slot machines*) allegatament mibjugha u konsenjati skond l-ordnijiet ta' l-istess konvenut *proprio* u *nomine*.

2. Ic-citazzjoni giet prezentata minn Raymond Busuttil ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsemmija socjeta` estera. Huwa halef id-dikjarazzjoni li takkompanja c-citazzjoni fl-10 ta' Dicembru 1993. Fl-ewwel paragrafu ta' l-istess dikjarazzjoni a fol. 3 tal-process, Raymond Busuttil ikkonferma li huwa kellu r-rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali debitament registrata fil-Germanja Casino Supplies GmbH li ghandha *registered office* taghha f'Hannover. Huwa stqarr ukoll illi kien il-*Managing Director* ta' l-istess kumpanija u li normalment huwa jkun il-Germanja fuq ix-xoghol ta' l-istess socjeta` attrici.

3. Il-konvenut *proprio et nomine* ikkontesta l-kawza b'diversi eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni li ta kienet ezattament wahda preliminari li biha sahaq li Raymond Busuttil ghandu jgib prova tar-rapprezentanza tieghu tas-socjeta` attrici.

4 Il-kawza giet deciza mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar, 2000. B'din is-sentenza l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut *proprio et nomine.* Kopja shiha ta' din is-sentenza qeghda tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha u dana peress li l-istess sentenza fiha migjuba dettaljatament it-talba tas-socjeta` attrici kif ukoll l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-konvenut *proprio et nomine*, u dan apparti l-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti biex tilqa' it-talba ta' l-istess socjeta` attrici.

## II. L-APPELL

5. Il-konvenut Joseph Camilleri f'ismu u f'isem Camilmac Holdings Ltd. ("l-appellant") hassu aggravat minn din is-

sentenza u ressaq appell quddiem din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2000.

6. Ghar-ragunijiet dedotti fl-istess rikors ta' l-appell tieghu, huwa talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fid-dawl ta' l-aggravji spjegati fl-istess rikors u konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez.

7. Din it-talba ta' l-appellant giet opposta mis-socjeta` attrici li sostniet, ghar-ragunijiet esposti minnha fir-risposta, li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-aggravji kollha ta' l-appellant kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Ghalhekk is-socjeta` appellata talbet li l-istess appell jigi michud bl-ispejjez.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. L-aggravju ta' l-appellant huwa maqsum fi tliet partijiet, tnejn minnhom jittrattaw il-pretensjoni tieghu li t-talba attrici kienet preskritta u li fi kwalunkwe kaz it-talba attrici ma gietx sufficcjentement sostenuta bi provi adegwati. It-tielet aspett ta' l-aggravju ta' l-appellant jikkoncerna ezattament fattur li jidher li sfugga ghal kollox ghall-attenzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti. Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tittratta fl-ewwel lok, dan l-ahhar imsemmi aspett ta' l-aggravju ta' l-appellant, billi fil-kaz ta' ezitu favorevoli ghall-istess appellant ma jkunx hemm il-htiega li jigu indagati lamenti l-ohra imqajma fl-aggravju tieghu.

9. Kif intqal aktar qabel l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet fis-sens illi "l-attur irid igib il-prova tar-rapprezentanza tieghu". L-appellant qieghed jilmenta li ghalkemm saret it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni, pero` s-sentenza appellata ma ddecidiet xejn dwarha. L-appellant jispjega li din l-eccezzjoni kienet relevanti fi zmien meta nghatat *cioe`* fil-bidu tal-kawza, ghaliex f'dak iz-zmien, biex kumpanija jew socjeta` tidher bhala parti f'kawza, kienet mehtiega li din is-socjeta` tkun rapprezentata minn persuna li jkollha ir-rapprezentanza guridika taghha. Effettivament Raymond Busuttil intavola din il-kawza "ghan-nom u in rapprezentanza ta' Casino

Suppliers GmbH”. L-appellant spjega li bl-emendi li saru fl-1995 gie introdott artikolu gdid fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili *cioe*` mill-Artikolu 181A. L-ewwel sub-artikolu ta’ dan l-Artikolu jaqra hekk:
“meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita` guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp”.

L-appellant argumenta li dan is-sub-artikolu ma jghoddx ghas-socjeta` attrici billi din is-socjeta` hija wahda estera u m’hijiex prezenti f’Malta. Huwa ssottometta li allura kien hemm il-htiega li din is-socjeta` tkun rapprezentata minn persuna legali jew fizika li kienet tinsab hawn Malta u li tkun specifikament awtorizzata li tirrapprezentaha. L-appellant enfasizza li Raymond Busuttil iddikkjara li jirrapprezenta lil din is-socjeta` izda ma gabx prova dwar din l-allegazzjoni. L-appellant irrileva wkoll li dan Raymond Busuttil jidher li gie Malta f’Dicembru ta’ l-1993, ipprezenta l-kawza u qatt ma rega’ tfacca ghall-kawza. Difatti, tentattivi mill-konsulent legali tieghu sabiex jikkomunika mieghu ma tawx rizultat. L-appellant zied jghid li ma ntalabx li jinhatru kuraturi *ai termini* ta’ l-Artikolu 929(d) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni Procedura Civili. Ghalhekk l-appellant sostna illi s-sentenza appellata hija nulla billi fiha mankanza procedurali fil-konfront tal-persuna ta’ l-attur u li konsegwentement il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

10. Ir-risposta tal-kontro-parti ghal dan l-aggravju ta’ l-appellant taqra testwalment hekk:
“Illi kif diga` gie sottomess quddiem l-ewwel Onorabblli Qorti rigward l-aggravju, din l-eccezzjoni llum il-gurnata hija ghal kollox infondata u dan peress illi s-socjeta` llum ma ghandhiex bzonn ta’ rapprezentanza guridika u dan peress illi kif jindika l-konvenut nomine appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu a termini ta’ l-Artikolu 181(a) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, kap ta’ socjeta` kummercjali li ghandha personalita` legali distinta jkun sufficjenti li din tissemma b’isimha biss u m’ghandhiex bzonn ta’ persuni fizici biex jirraprezentaw l-istess.

Illi ta' min wiehed jirrileva li l-problema li qed jissoleva l-konvenut nomine appellant li s-socjeta` estera mhix prezenti Malta, ta' min wiehed jirrileva li lanqas Raymond Busuttil ma huwa prezenti hawn Malta u ghalhekk fi kwalsiasi kaz ikun hemm bzonn ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti attur appellat.

Illi ghalhekk dan l-aggravju huwa ghal kollox infondat u ghandu jigi michud".

11. Illi din il-Qorti wara li hasbet fuq dan l-incident, waslet ghall-konkluzjoni li dan l-aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat. Jirrizulta li l-appellant issolleva din l-eccezzjoni dwar ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` estera, fil-bidu nett tal-kawza u huwa qatt ma rrinunzja ghaliha. B'din l-eccezzjoni l-appellant kien qieghed jikkontesta s-setgha allegata minn Raymond Busuttil li harrku f'isem u fl-interess tas-socjeta` attrici. L-appellant ried ikun sodisfatt li Raymond Busuttil kien debitament awtorizzat biex jirrapprezenta lis-socjeta` estera fl-intavolar kontra tieghu. Fi kliem iehor, l-appellant b'din l-ewwel eccezzjoni tieghu kien qieghed jissolleva l-eccezzjoni dwar l-illeggittimita` ta' Raymond Busuttil li jirrapprezenta lis-socjeta` attrici f'din il-kawza.

12. Jirrizulta car ghal din il-Qorti li ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, fil-verita` hija ma ikkunsidratx u ma iddecidiet xejn dwar din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *proprio et nomine.* Tant hu hekk li f'pagna 4 tas-sentenza appellata ezattament taht l-intestatura "II. KONSIDERAZZJONIJIET" semmiet it-tlett eccezzjonijiet l-ohra li gew sollevati mill-konvenut *proprio et nomine* izda naqset li hemmhekk issemmi din l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess konvenut. Bhala fatt is-sentenza appellata ma fiha l-ebda ezami dwar din l-ewwel eccezzjoni u l-ebda motivazzjoni li twassal ghac-cahda taghha.

13. Fil-fehma konsidrata tal-Qorti, din l-ahhar imsemmija cirkostanza, u *cioe`* li din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *proprio et nomine* giet prattikament injorata mill-ewwel Onorabbli Qorti, wahedha biss taghti lok ghal dikjarazzjoni

ta' nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex l-eccezzjoni in kwistjoni dwar l-illegittimita` ta' l-attur ma setghetx tigi sempliciment injorata, izda kellha tigi deciza f'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu, u dan skond ma jiddisponi l-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

14. Il-provi akkwiziti fil-process juru li s-socjeta` attrici m'hijiex socjeta` Maltija izda socjeta` estera, ezattament socjeta` bl-ufficcju registrat taghha f'Hannover il-Germanja. Jirrizulta li Raymond Busuttil pprezenta ruhu bhala *Managing Director* ta' din is-socjeta` kif ukoll iddikjara li huwa ghandu r-rapprezentanza ta' l-istess socjeta` u huwa kien f'Malta meta pprezenta c-citazzjoni odjerna ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-imsemmija socjeta` estera. Jirrizulta wkoll li bl-imsemmija l-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut appellant kien eziga li l-attur igib prova tar-rapprezentanza tieghu. Ma nghatat l-ebda raguni ghaliex Raymond Busuttil ma gabx l-ahjar prova, *cioe`* dik dokumentarja, ta' l-allegazzjoni tieghu li huwa jirrapprezenta lis-socjeta` estera. Ghandu jigi rilevat ukoll li ghalkemm Raymond Busuttil kien Malta meta giet ipprezentata l-odjerna citazzjoni pero` jidher li huwa telaq minn Malta u ma jirrizultax li baqa' jiehu interess fil-kawza. Tant hu hekk li meta l-avukat Dr. Edwina Chetcuti ippruvat tikkontattjah fis-sena 1998 b'ittra li baghtitlu fl-indirizz tieghu fil-Germanja, din l-ittra giet lura bil-kumment "*parti sans laisser d'adresse*". Dan kollu jirrizulta minn nota u dokument li jinsabu esebiti a fol. 58 u 59 tal-process.

15. Li kieku s-socjeta` appellata kienet socjeta` registrata f'Malta, id-diffikulta` dwar in-nuqqas tal-prezenza f'Malta ta' Raymond Busuttil setghet facilment tigi dikjarata sorvolata bis-sahha ta' l-emendi li sehhew fis-sena 1995 bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 181A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kienet ukoll tingheleb id-diffikulta` li temergi mill-fatt li s-sentenza appellata naqset li tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Dawn iz-zewg diffikultajiet, pero`, ma gewx meghluba minhabba l-fatt li s-socjeta` estera Casino Supplies GmbH hija effettivament socjeta` registrata fl-esteru u konsegwentement biex din tintavola u tkompli issostni

kawza quddiem il-Qrati taghna hija bilfors trid tkun rapprezentata minn persuna fizika jew morali li tkun tinsab fil-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Minn dan kollu s-socjeta` appellata m'ghamlet xejn, anzi ippermettiet li dan in-nuqqas procedurali serju jibqa' jippersisti ghal numru twil ta' snin u effettivament baqa' jippersisti sal-lum stess. Evidentement din is-sitwazzjoni proceduralment kompletament skorretta ma tistax tigi issanata minn din il-Qorti f'dan l-istadju tant inoltrat tal-kawza. Illi ghalhekk din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-aggravju imsemmi ta' l-appellant huwa ben fondat u hemm lok li jigi milqugh.

16. Dwar il-kap ta' l-ispejjez din il-Qorti jidrilha li ghandu jkun hemm certu temperament ghaliex, ghalkemm il-konvenut ma rrinunzja qatt ghall-eccezzjoni tieghu, madanakollu l-kontestazzjoni tieghu kienet tista' tghid kompletament immirata lejn il-meritu propju tal-kawza u ma kienx hemm l-ebda insistenza partikolari fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu. B'hekk il-kawza twalet inutilment, b'hela ta' zmien u ta' rizorsi, mhux l-anqas dawk tal-Qrati stess.

17. Ghal dawn il-motivi, prevja li tilqa' l-appell tal-konvenut *proprio et nomine* fis-sens fuq spjegat, tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess appellant, tirrevoka s-sentenza appellata u fic-cirkostanzi tillibera lill-konvenut *proprio et nomine* mill-osservanza tal-gudizzju. U billi hemm raguni tajba ghal temperament fil-kap ta' l-ispejjez, tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI

Kopja tad-decizjoni tal-Qorti Civili Prim Awla moghtija fis-26 ta' Jannar 2000, qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------